

L-arblu tar-razza De Piro



Nicholas de Piro

## The De Piro Family and the MSSP

As the oldest male line de Piro descendant of Monsignor de Piro's father and mother, perhaps I am in a position to comment on the fact that all the surviving progeny of the nine de Piro brothers and sisters are truly proud and filled with the humble joy of being associated through consanguinity and sincere emotion with the work of the Missionary Society of St Paul.

This is a time to look into our hearts in a united Sursum Corda to thank God for having bestowed endurance on the Pauline Society, and also to thank Him and his Blessed Mother Mary for all the benefits received not only by those being helped in far off countries but also by those who have cleansed their minds and spirit locally through the fruits and example of this most charitable institution within Maltese society. The Centenary Celebrations of the founding of the MSSP is all about taking a good look at reality and congratulating our Maltese Islands for hosting the Society more often than not with love and affection. Let us also congratulate all those members who have worked for its fruition. This I do on behalf of the family from the bottom of my heart. I confirm our pride and cherish the tradition which Mgr de Piro enhanced and embellished. The de Piro line produced priests born in the 17th, 18th, 19th and 20th centuries. The family also gave nuns who travelled far and wide to spread the good news of Christianity.

Like that great matriarch Mgr de Piro's mother Orsola who quietly helped the MSSP, there were others who have passed away and some who are still living. They must not be forgotten, and especially now on this very special occasion, at the time of this centenary, we must continue to pray for them. The man whose Missionary Society of St Paul we are celebrating now was, in a sense, an innovator. He dearly wanted to solve problems. He tried to look through conflict in order to find the source of turmoil, anguish and injustice. He appealed to the heart and led by example. He spread his wings, we might think bravely, in directions where everybody, or nearly everybody, felt they could not carry him. He believed. He believed in the force and power of providence and he dared. He dared to move on and on to attain what he believed was the mission which the Lord of the Heavens had set for him.

We must pray that we shall one day see our Monsignor among those proclaimed Blessed. As we try to follow in the goodness and justice of his path, we believe that the Good Lord, in His good time, will reward our faith.



*Mrs Alberta Cassar Torregiani u Mrs Miriam Pace.*
*L-uniċi neputijiet ħajjin tal-fundatur*



## Leadership Team ġdid fl-Awstralja

Kull Ordni jew Kongregazzjoni Reliġjuża, għandhom il-metodu tagħhom kif jgħażlu lil min ikun responsabli biex imexxi l-Ordni jew il-Kongregazzjoni, kemm jekk huma Superjuri Ġenerali, u kemm Provinċjali.

Normalment dawn jiġu eletti waqt Kapitlu Ġenerali jew Provinċjali, iżda jista' jagħti l-każ li minħabba xi raġuni partikulari, ikun hemm xi elezjoniijiet mhux waqt kapitlu. Fi zmien ta' kapitlu, il-membri kapitulari jiltaqgħu flimkien għal xi granet biex jistudjaw numru ta' suġġetti u wara jagħżlu l-persuna responsabli, kif ukoll xi membri oħra biex ikunu ta' għajnuna għal min ikun intgħażel.

F'Novembru li għadda fil-Missjoni tagħna fl-Awstralja kien hemm bżonn jntagħżel Leadership Team ġdid. Għalhekk fis-26 ta' Ottubru, il-membri li ta' dan ir-Reġjun iltaqgħu biex jibdew il-proċess tal-għazla. Għal din l-okkażjoni kien preżenti wkoll is-Superjur Ġenerali Fr. Bernard Mangion. Il-membri bdew il-laqgħa tagħhom billi taw ħarsa lejn il-kwalitajiet li jixtiequ li jkollu l-Provinċjal il-ġdid. Wara ħin ta' riflessjoni u talb kull membru poġġa f'envelope l-ismijiet ta' dawk li hu ħass li jkunu tajba biex ikun fil-Leadership Team. L-ismijiet tpoġġew fuq l-artal.

Xi ġranet wara l-membri reġgħu iltaqgħu u wara li ċċelebraw il-quddiesa tal-Ispirtu s-Santu u sar ħin ta' adorazzjoni quddiem Gesu' Sagramentat, kull membru poġġa fuq l-artal l-envelope bl-isem dak li hu ħass li kellu jkun il-Provinċjal il-ġdid.



*Il-Leadership team mas-Superjur Ġenerali*

Fis-7 ta' Novembru Fr. Bernard ħatar lil Fr. Mario Zammit bħala l-Provinċjal il-ġdid tas-Socjeta' tagħna fl-Awstralja. Miegħu Frs. Ivano Burdian, Edwin Agius, u Jude Pirotta jiffurmaw il-Leadership Team il-ġdid.

Fr. Mario huwa mill-Fgura. Wara li spiċċa l-istudju sekondarju fil-Kulleġġ tagħna tar-Rabat, mar is-Sixth Form u wara studja fl-Universita' ta' Malta. Wara xi żmien f'Malta, u fil-missjoni tal-Pakistan, f'1998 ġie mibgħut l-Awstralja. Għal ħames snin huwa kien Asistant Priest f'Horsley Park f'Sydney, u fl-2004 sar kappillan tal-istess parroċċa.

Is-Superjur Ġenerali u l-membri li qed jaħdmu fl-Awstralja jirringrazzjaw lil Fr. Noel Bianco li għal dawn l-aħħar sitt snin mexxa l-missjoni tagħna fl-Awstralja.

**L-Editur**



## GĦOĠBITEK DIN IL-LEAFLET
## li għadek kemm qrajt?

### Trid tgħina nkomplu noħorġuha?

Dan tista' tagħmlu billi tissieħeb fil-Fundazzjoni
**"SOSTENITURI AĦNA LIIKOM"**

**Sostenitur ordinarju:** Donazzjoni libera
**Sostenitur Ħabib:** 24 ewro fis-sena
**Sostenitur perpetwu:** 117 ewro darba



MSSP100

# Aħna lilkom

HOLQA BEJN IL-HBIEB

Jannar 2010 / Għadd 444 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP



## Għalaqna mitt sena

Is-sena 2010 iġġib magħha okkażjoni tassew sabiħa għas-Soċjetà Missjunarja tagħna - mitt sena mit-twaqqif tagħha. Kien it-30 ta' Ġunju tal-1910 meta l-Fundatur tagħna, il-Qaddej t'Alla Mons. Ġużeppi De Piro laqa' l-ewwel żewġ membri tas-Soċjetà tiegħu. Hekk il-ħolma tiegħu li kienet ilha tberren f'moħħu sa minn meta kien għadu jistudja f'Ruma biex isir saċerdot, issa saret realtà. Din ix-xewqa, li qatt ma ħallietu bi kwietu, issa kien qed jara l-bidu fqajjar tagħha. Min jaf x'ferħ ħass f'qalbu l-Fundatur dikinhar. Dan l-avveniment storiku sar fid-Dar Ċkejkna ta' San Pawl fi Triq Santu Rokku, l-Imdina.

Minn dak li kienu jirrakuntawli sħabi li kienu minn tal-bidu, u oħrajn li ġew warajhom, u minn dak li wieħed għadu jista' jaqra fiż-żewġ volumi li kiteb fuq Mons. Ġ. De Piro, il-qatt minsi u maħbub Patri Alessandru Bonnici O.F.M. Conv., il-bidu tas-Soċjetà ma kienx faċli. Mons. De Piro kellu jiffaċċja diffikultajiet kbar minn kull naħa. Biss, hu u l-ewwel membri baqgħu jafdaw f'Alla. Il-problemi għall-ewwel membri tas-Soċjetà baqghu jizdiet specjalment, meta l-Fundatur, li bilkemm kien għad għandu 56 sena, miet fis-17 ta' Settembru, 1933. Hekk l-ewwel membri hassewhom iltiema.

Imma llum, wara 100 sena ta' ħajja, wieħed ma jistax ma' jarax l-id t'Alla u l-interċessjoni mis-sema tal-Fundatur, li dejjem kien magħna. Għaliex is-Soċjetà, kif tafu, llum qed taħdem f'diversi postijiet f'Malta u barra minn Malta.

Għalhekk huwa xieraq li biex infakkru dan l-avveniment importanti għalina, ser ikollna diversi attivitajiet, f'Malta u f'Għawdex. Aktar 'il quddiem ngħarrfukom bihom. Imma minn issa nixtiqukom iżżommu żewġ dati important - il-20 ta' Ġunju, fejn se jkollna laqgħa f'St. Agata għalikom il-qraba, il-benefatturi u ħbieb tas-Soċjeta'; u t-30 ta' Ġunju, id-data tal-fundazzjoni, għal quddiesa konċelebrata fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, immexxija mill-Arċisqof Pawlu Cremona O.P., li għaliha kulħadd hu mistieden, ħalli magħna tirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li għamel mas-Soċjetà tagħna tul dawn il-mitt sena.

Barra dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, biex inkomplu infakkru dan l-avveniment, kif tafu, diġa ħriġna l-kalendarju b'forma speċjali u dan il-fuljett, kif nahseb innutajtu, żidnielu żewġ paġni li fihom ser ikollna aktar tagħrif tal-okkażjoni.



*L-ewwel dar tas-Soċjetà fi triq S. Rokku fl-Imdina*



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Min kien Mons Ġużeppi De Piro?

*Minn fuq din il-leaflet min jaf kemm il-darba qrajtu l-ħajja tiegħu. Biss il-lum nixtieq inlaqqakom miegħu minn perspettiva gdida; minn dak li kiteb hu jew oħrajn fuqu.*

**Ir-rabta tiegħu mal-volonta t'Alla fl-interpretazzjoni tal-ġrajjiet ta' ħajtu.**

F'Lulju 1898 Ġużeppi De Piro, żagħżugħ ta' 21 sena, ħalla Malta u mar Ruma biex hemmhekk jibda l-istudji tiegħu għas-saċerdozju. Ftit tal-gimgħat wara fl-24 ta' Awissu 1898 hu kiteb lil ommu dwar il-pjanijiet u x-xewqat tiegħu għall-futur: "Skont kalkoli li fil-fatt ma' jistgħux isiru, jekk jien ma' mmutx … sa meta jkolli 30 sena, insib sewwa x'nistudja." Fl-istess ħin, minkejja x-xewqat kollha, Ġużeppi wera b'mod l-aktar ċar li hu kellu ambizzjoni oħra, u waħda ferm ogħla minn dik tal-istudju.

Biss f'ittra li kiteb lil ommu fit-23 ta' Frar b'risposta għal dak li kitbitlu oħtu Teresina insibu, "...Nosserva 'l Tereżina biex ma toqgħodx tagħmilli certi awguri b'tant serjetà. Hemm awgurju wieħed li jien naccettah bil-qalb. Dan hu li jien nagħraf tajjeb ir-rieda ta' Alla, u nagħmilha b'mod perfett. Dan għalija jkun bizzejjed."

U ma tantx dam biex kellu jcedi l-pjan tiegħu għar-rieda ta' Alla! Għax xi xahrejn wara li kiteb din l-ittra hu beda jħoss il-mard. Mhux biss imma fl-istess studji ma' tantx kien sejjer tajjeb. Hekk kiteb hu nnifsu, "Fl-intelliġenza , ma' għandi xejn specjali. S'issa mexxejt mhux ħazin. Minn tlett eżamijiet, fi tnejn bilkemm għaddejt. Għalhekk, jekk naħseb ftit x'niswa u nġib quddiem għajnejja t-toqol tal-eżamijiet, ikolli ngħid li ftit għandi cans li nieħu gradi oħrajn."

Kif tafu, missieru Alessandro De Piro miet ħesrem fl-10 Jannar 1898, meta kellu biss 49 sena. Ħalla warajh lil martu, armla b'disat itfal. Bla dubju martu u wliedu ħassew bosta dik it-telfa. Ġużeppi, is-seba' wieħed fost l-aħwa, fl-aħħar ta' dik is-sena 1898, kiteb lil ommu minn Ruma u fost l-oħrajn qalilha dawn il-kelmiet: "Skont kif niġġudikaw aħna, is-sena li għaddiet kienet għalina waħda ta' xorti ħażina. Ngħid li skont kif narawha aħna għaliex Alla ma jagħmel xejn li ma jkunx perfett, u l-għemejjel tiegħu ma' jistgħux ma jkunux tajbin ħafna. F'dik l-okkażżjoni, kellna faraġ tant kbir b'mod li ngħid, bla biżgħħ' li niżbalja, li l-konsolazzjoni li ġarrabna kienet akbar min-niket tal-isfortuna".

Bilkemm għaddew sena u nofs li l-familja De Piro ma' reġgħetx sofriet telfa kbira oħra, dik ta' wieħed mill-ulied. Berti miet wara marda qalila u meta kellu biss 23 sena. Anke f'din l-okkażżjoni Gużeppi reġa' kiteb lil ommu minn Ruma bi kliem qawwi daqs dak ta' qabel, "Jidher li Alla u l-Verġni Marija ma' nsewniex għaliex joffrulna ta' sikwit xi ċirkustanzi biex ikabbru dejjem iżjed it-tama tagħna fihom. Dwar Berti, nistgħu ngħidu bla ma' niżbaljaw li hu jinsab aħjar minna għaliex qiegħed flimkien ma' erwieħ tajbin oħrajn li ħallewna fiż-żminijiet ta' qabel …"



Is-Sodda fejn twieled

Għadda ż-żmien, Ġużeppi sar sacerdot u anke rritorna Malta għal kollox. Wara li dam jitħabat is-snin biex jista' jsib sacerdoti oħrajn li jfhmu l-iskop tas-Socjetà li kien beħsiebu jwaqqaf, Dun Ġużepp De Piro, fit-12 ta' Gunju 1910 fetaħ l-ewwel dar tas-Socjetà u fit-30 tal-istess xahar laqa' fiha l-ewwel żewġ membri. Il-vokazzjonijiet bdew jiżdiedu imma bosta min dawk li bdew jieħdu edukazzjoni tajba bdew jħalluh bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa. Diversi persuni qrib il-Fundatur kienu jithassruh jarawh jonfoq tant flus fuq dawn iż-żgħażagħ u mbagħad diversi jitilqu. Xi persuni anke wrew miegħu r-rabja tagħhom għal dawn il-ġuvintur, "… mhux qed tara li kulħadd qed jidhaq bik? Li qegħdin jisirquk? Qegħdin jakkwistaw minn fuqek skola u mpjieg?" qallu darba certu Dun Anton Buhagiar. "U le, Dun Anton," wieġbu l-Fundatur, "Ma jimpurtax jekk jagħmlu hekk. Tagħlim jibqa' tagħlim. Jien basta nagħmel il-ġid. Għada pitgħada jiftakru fih. Ġesù lill-appostli ma obbligahomx jibqgħu miegħu. Sa nobbligahom jien? Alla jaf jagħmel il-ġid minn kollox. Dak li jkunu tgħallmu hemm jibqa. Joħorġu u jagħmlu l-ġid barra. Għallinqas ikun hemm profitt."

Mhux studenti biss telquh. Anke l-ewwel saċerdot ħallieh 4 snin wara li kien ordnat qassis. Dan is-saċerdot innifsu jirrakkonta kif ġab ruhu De Piro dakinnhar li wasal il-permess li dan is-saċerdot jista' jħalli s-Soċjetà biex



*Il-familja De Piro: l-omm il-missier u disa aħwa*

imur fid-Djocesi: "Miskin ġie wiċċu 'l-isfel, għajjatli bil-mod u qalli, 'L-Isqof jaċċettak fid-Djoċesi …' Hu telaqni, mar quddiem Ġesù Sagramentat, niżel għarkupptejh u qagħad hemm, rasu 'l isfel bejn idejħ."

Kif tafu ukoll,Mons De Piro kien magħżul bħala rappresentant tal-kleru fit-Tielet Parlament Malti, dam biss 9 xhur għax miet. Tul dan iż-żmien huwa tkellem darbtejn. L-ewwel darba li tkellem impressjona lil dawk kollha preżenti: bil-kelma meqjusa tiegħu hu ħadha kontra l-preżenza tat-tfajliet li kienu jaħdmu fil-ħwienet tax-xorb. Wara s-seduta parlamentari hu ltaqa' ma' sħabu l- Monsinjuri biex igħarrafhom x'kien ingħad. Fost l-oħrajn hu qalilhom hekk, "Jien naf li qiegħed qalb il-kollegi għeżież tiegħi, li huma wkoll huti fis-saċredozju. Għalhekk, naf li ma' tistgħaġbux jekk ngħidilkom li, f'dik il-lejla, ħassejt tassew li Alla kien qiegħed jagħtini l-għajnuna tiegħu … Il-mozzjoni ta' Strickland kienet fis-sustanza tagħha vot ta' sfiducja għall-ministru tal-pulizija fi kwistjoni ta' moralità. Min-naħa waħda jien ħassejt li kelli l-appoġġ tal-kleru kollu ta' Malta. Min-naħa l-oħra ħassejt li kelli naffronta l-grupp kollu tal-ministri, li huma membri għorrief, anżi għorrief ħafna u ta' ħila kbira. Kelli wkoll maġenbi oppożizzjoni ħarxa, immexxija minn Strickland. Fin-naħa ta' isfel tas-sala kien hemm ukoll publiku mixtieq minn kritika li biha jitqanqal. L-argument fih innifsu kien wieħed difficli. Jien innifsi nħossni personalment imnikket għal dak li kkaġunawli dawn il-ħwienet tat-xorb. Ħabbatt wiċċi ma' każijiet li kellhom rabta mal-Istituti li huma mmexxija minni. Minkejja dan, għall-grazzja ta' Alla, ma' ħargitlix kelma waħda li toffendi lil xi ħadd, u li jiddispjacini li għedtha. Għalhekk, filwaqt li nroddilkom ħajr għat-tifħir tagħkom, ippermettuli qabel xejn nirringrazzja lil Alla."

Minn dan il-ftit li għedna, wieħed jista' japprezza l-prinċipji u s-sentimenti reliġjużi li fuqhom kien jgħix il-Qaddejj t'Alla Mons. G. De Piro.





*Alessandru u Ursola: il-ġenituri tal-Qaddej ta' Alla*

## Il-familja De Piro

*Dan huwa ftit minn dak li qalu diversi xhieda li dehru quddiem it-tibunal tal-Knisja fil-Kawża tal- Kanonizzazzjoni ta' Mons De Piro.*

"In-Nobbli Alessandru u Ursola għarfu jrabbu lil uliedhom fil-biżgħa u l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Għalihom ir-reliġjon kienet tiġi qabel kollox anke fl-agħar mumenti tal-ħajja, ir-reliġjon kienet tkun l-ewwel."

"Huma għarfu jrabbu u jedukaw 'l uliedhom l-iżjed fin-nobbiltà u l-edukazzjoni tal-qalb. Dan għamluh mhux biss bil-kliem imma fuq kollox bl-eżempju tagħhom. Kienu tista' tgħid żewġ qaddisin, ta' drawwiet mill-aħjar u tar-ruħ ħafna,u hekk it-tfal tagħhom ma rawx u ma ħadux minnhom ħlief eżempji ta' virtù." "Għalkemm nobbli, il-ħajja tagħhom kienet sempliċi. Wara l-qawmien ta' filgħodu kont tarahom kulħadd għall-quddies. Fil-Knisja kienu jkunu kollha bil-ktieb biex ikunu jistgħu jsegwu. F'nofsinnhar kienu jgħidu l-'Angelus', jieklu u wara għas-siesta. Filgħaxija kienu jgħidu r-rużarju."

"Kienu jinsistu ħafna ma' wliedhom fuq id-dixxiplina u l-kondotta. Kienu jippreferu li wliedhom ma jġibux marki tajba fil-lingwi u suġġetti simili, basta kienu jkunu tajbin fl-imġieba."

"Biex dejjem itellgħu lil uliedhom fid-dixxiplina u l-ordni kienu bagħtu lis-subien fil-Milizja Maltija. Minħabba f'hekk in-nies ta' klassi għolja, speċjalment in-nobbli, kienu jikkritikawhom ħafna, u kienu jgħidu, 'Ara kif ħelsu minnhom!' Kienu jikkritikawhom ukoll għax kienu jibagħtu 'l uliedhom jistudjaw għal tobba u avukati. Għan-nobbi ta' dak iż-żmien li tmur l-iskola kien ifisser li kellek bżonn taħdem u allura li titgħallem kien diżunur."

Tixtieq tkun taf aktar dwar il-Qaddej ta'Alla, Gużeppi De Piro? Tixtieq taqla xi grazzja minn ghand il-Mulej bl-interċessjoni tiegħu? Jew ġa qlajt il-grazzja?
Iktbilna jew ċemplilna:
Il-Postulatur,Kawża De Piro,Dar Sant'Agata
Rabat Malta RBT2020